A.L. 256 ta' l-2008

ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara li kkonsulta lill-Prim Ministru u lill-Ministru għall-Politika Soċjali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendew ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti (Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 115 ta' l-2004.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu trasposti d-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/66/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi bifenox, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin u quinoclamine bħala sustanzi attivi, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE ta' l-1 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi clofentezine, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, imazaquin, lenacil, oxadiazon, picloram u pyriproxyfen bħala sustanzi attivi u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/70/KE tal-11 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi tritosulfuron bħala sustanza attiva.

Jemenda Skeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fi Skeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu l-partiti ġodda 177 sa 190 u 192 bl-Isem Komuni Clofentezine, Dicamba, Difenoconazole, Diflubenzuron, Imazaquin, Lenacil, Oxadiazon, Picloram, Pyriproxyfen, Bifenox, Diflufenican, Fenoxaprop-P, Fenpropidin, Quinoclamine u Tritosulfuron bħala sustanzi attivi kif ġej:

Nru	Isem Komuni	Direttiva ta' Inklużjoni	Data ta' Implimentazzjoni*
"177	Clofentezine	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
178	Dicamba	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
179	Difenoconazole	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
180	Diflubenzuron	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
181	Imazaquin	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
182	Lenacil	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
183	Oxadiazon	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
184	Picloram	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
185	Pyriproxyfen	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE	1 ta' Jannar 2009
186	Bifenox	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/66/KE	1 ta' Jannar 2009
187	Diflufenican	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/66/KE	1 ta' Jannar 2009
188	Fenoxaprop-P	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/66/KE	1 ta' Jannar 2009
189	Fenpropidin	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/66/KE	1 ta' Jannar 2009
190	Quinoclamine	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/66/KE	1 ta' Jannar 2009
192	Tritosulfuron	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/70/KE	1 ta' Diċembru 2008".